**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI LL.D.**

**Illum, 14 ta' Ottubru 2016**

**Appell Nru: 522/2015**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Frank A. Tabone)**

**vs**

**Mario Formosa**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-akkużi dedotti kontra Mario Formosa, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 235979M imputat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bhala Qorti Istruttorja talli:

Nhar it-12 ta' Marzu 2013 għal ħabta tal-għaxra neqsin għoxrin ta' filgħaxija (21.40 hrs) 'ġewwa Triq Barda, Marsalforn limiti taż-Żebbuġ, Għawdex u f'postijiet oħra ġewwa Marsalforn limits taż-Żebbuġ Għawdex:

1. Volontarjament għamel ħsara jew għarraq ħwejjeħ ħaddieħor mobbli jew immobbli, u ċioè fuq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni EPS001 għad-detriment ta' Ivan Cauchi (ID No, 15558G) liema ħsara tammonta għal aktar minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69). Art 325(1)(a) tal-Kap 9;

2. U aktar tali fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi saq vettura bil-mutur bin-numru tar-reġistrazzjoni DBP216 b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni jew b'mod perkoluż. Art 15(1)(a) tal-Kap 65 .

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi meta kien involut f'inċident b'vettura bil-mutur bin-numru tar-reġistrazzjoni DBP216, f'liema inċident ġiet ikkaġunata ħsara fuq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni EPS001 għad-dannu ta' Ivan Cauchi (ID No. 16668G) naqas milli jieqaf (Art. 67(1) tal-L.S. 65.11)

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tat-3 ta' Novembru 2015 , li permezz tagħha dik il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 325(1)(a) tal-Kap 9, Artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65 u Artikolu 67(1) tal-L.S. 65.11 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li ddikjarat lill-imputat mhux ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni minħabba konflitt ta' provi iżda sabitu ħati tat-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjoni miġjuba kontrih, rigward it-tieni (2) imputazzjoni l-imputat ġie kkundannat multa ta' mitejn u tletin Euro (€230) u skwalifika tal-liċenzja tas-sewqan għal tmint ijiem li jibdew jiddekorru mid-data tas-sentenza minn nofsillejl u minuta; u wara li rat ukoll li fiċ-ċirkostanzi tal-każ kienet tal-fehma li jeżistu l-elementi rikjesti mill-liġi taħt l-artkoli 7(2) u 22(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tenut kont tax-xorta tar-reat u ċ-ċitkostanzi li seħħew fih, illi dwar it-tielet (3) imputazzjoni, il-Qorti qiset li mhux spedjenti li twaħħal piena, iżda li għandhom jiġu applikati d-dispożizzjonijiet tal-istess Artikolu 22 tal-Kaptiolu 446 tal-Liġijiet ta'

Malta, u il-Qorti għamlet ordni li biha lliberat lill-ħati bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor matul il-perjodu ta' sena mid-data tas-sentenza. Ai termini tal-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti fissret lil Mario Formosa bi kliem ċar u li jinftiehem l-effetti tal-ordni għall-liberazzjoni kondizzjonata, fis-sens li jekk jagħmel reat ieħor matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, il-ħati jkun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

**3.** Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Ġenerali ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fil-26 ta' Novembru, 2015, fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi

1. Tikkonfermha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat Mario Formosa ħati tat-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjoni; filwaqt li

2. Thassarha u tirrevokha f'dik il-parti fejn l-appellat Mario Formosa ġie misjub mhux ħati tal-ewwel imputazzjoni, minflok wara li tisma l-appell, issib lill-appellat Mario Formosa ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u ċioè tar-reat kompriż ta' ħsara involontarja, u konsegwentement tinfliġġi l-piena skont il-liġi u fil-parametri relattivi.

**4.** Rat l-atti u d-dokumenti kollha, semgħet lill-partijiet jittrattaw l-appell.

**5.** Il-fatti allegati jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

Fit-12 ta' Marzu 2013 sar rapport lill-pulizija li trakk kien għadu kif daħal ġo vettura pparkjata fi Triq ta' Barda, Marsalforn fil-limiti taż-Żebbuġ. Il-pulizija tkellmu ma' Ivan Cauchi, sid il-vettura pparkjata u dan stqarr li fuq l-indikazzjonijiet li kienu tawh il-pulizija li kien jissuspetta li l-persuna li kienet daħlet fuq il-vettura tiegħu kien ċertu Mario Formosa li kellu xi kwistjonijiet miegħu. Meta kellmuh il-pulizija, Mario Formosa kkonferma

li veru kellu xi kwistjonijiet ma' Ivan Cauchi peress li kien jissuspetta li martu, u ċioe' mart Mario Formosa, kellha relazzjoni mal-istess Ivan Cauchi. Formosa ssokta jgħid li dakinhar tal-inċident huwa kien irċieva telefonata mingħand persuna li nformatu li aktar qabel Ivan Cauchi kien fil-flat ta' martu. Meta Mario Formosa mar biex jivverifika jekk dak li ntqal lilu kienx veru fi Triq Barda ra l-vettura ta' Ivan Cauchi u dak il-ħin infixel, żied il-veloċita' u bi żball ħabat mal-vettura ta' Ivan Cauchi.

**6.** L-aggravju tal-appellant Avukat Ġenerali jikkonsisti sostanzjalment filli jsostni li l-ewwel Qorti ma kellhiex sempliċement tillibera lill-imputat appellat Mario Formosa mill-ewwel imputazzjoni iżda l-ewwel Qorti messha fiċ-ċirkostanzi minflok sabitu ħati tar-reat ta' ħsara involontarja li huwa kompriż u nvolut fir-reat ta' ħsara involontarja (recte: volontarja).

**7.** Ma hemmx dubbju li l-appellant għandu raġun tal-anqas safejn jirritjeni li r-reat ta' hsara involontarja huwa kompriż u involut fir-reat ta' ħsara volontarja u in kwantu tali, purchè dak ir-reat kompriż u involut jirriżulta pruvat, l-ewwel Qorti setgħet issib lill-imputat appellat ħati tiegħu.

**8.** Id-difiża ssottomettiet li fi kwalunkwe każ f'dan l-istadju din il-Qorti hi prekluża milli ssib ħtija tal-ewwel imputazzjoni għaliex meta l-ewwel Qorti sabet ħtija tat-tieni u tielet imputazzjoni dan kien neċessarjament jimplika li kienet qed issib lill-imputat appellat effettivament ħati wkoll tar-reat ta' ħsara involontarja.

**9.** Ir-reat imputat fit-tieni imputazzjoni jikkonsisti filli l-imputat appellat saq vettura bil-mutur bin-numru tar-reġistrazzjoni DBP216 b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni jew b'mod perikoluż waqt li r-reat fit-tielet imputazzjoni jikkonsisti filli l-imputat, meta kien involut f'inċident b'vettura bil-mutur bin-numru tar-reġistrazzjoni DBP216, f'liema inċident ġiet ikkaġunata ħsara fuq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni EPS001 għad-dannu ta' Ivan Cauchi (ID No. 16668G) naqas milli jieqaf. Ir-reat ta' ħsara involontarja attribwit lill-imputat appellat fir-rikors tal-appell tal-Avukat

Ġenerali jikkonsisti filli l-imputat, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna ħsara jew ħassar jew għarraq xi ħaġa. Għalhekk, ir-reat fit-tieni imputazzjoni huwa reat formali kunsmat biss bl-għemil u l-kondotta tad-delinkwent mingħajr ħtieġa ta' xi prova ta' riżultat jew konsegwenza partikolari ta' dak l-għemil. Similment, ir-reat fit-tielet imputazzjoni huwa reat formali kunsmat biss bl-għemil u l-kondotta tad-delinkwent konsistenti filli jonqos milli jieqaf, mingħajr ħtieġa ta' xi prova ta' riżultat jew konsegwenża ta' dak l-għemil.

**10.** Fejn fit-tielet imputazzjoni jingħad li "f'liema inċident ġiet ikkaġunata ħsara fuq il-vettura bin-numru EPS001" din ma hix riżultat jew konsegwenza tal-għemil inkriminat li jikkonsma r-reat fit-tielet imputazzjoni konsistenti filli wieħed jonqos milli jieqaf, iżda hi biss ċirkostanza li tippreċedi u tkun avverat ruħha qabel l-għemil inkriminat. A kuntrarju, ir-reat ta' ħsara involontarja ma hux reat formali iżda huwa reat materjali kunsmat mhux biss bl-għemil iżda jeħtieġ ukoll għall-konsumazzjoni tiegħu il-ġrajja tal-konsegwenza jew riżultat tal-ħsara.

**11.** Għalhekk, għalkemm bejn ir-reat materjali ta' ħsara involontarja u r-reati formali imputati fit-tieni u fit-tielet imputazzjoni hemm dik il-konnessjoni prevista fl-artikolu 413(2)(i)(ii)(iii) tal-Kodiċi Kriminali b'daqshekk ma jistax jingħad li meta l-ewwel Qorti sabet ħtija taż-żewġ reati formali distinti fit-tieni u fit-tielet imputazzjoni kienet qiegħdha ssib ħtija tar-reat materjali ta' ħsara involontarja.

**12.** Jekk l-ewwel Qorti kienet ġustifikata li jkollha dubbju dwar ir-reat ta' ħsara volontarja fl-ewwel imputazzjoni ma seta' kellha ebda dubbju li rriżultaw l-elementi meħtieġa tar-reat ta' ħsara involontarja. Di fatti jekk l-għemil tal-imputat ma kienx volontarju meta bil-vettura tiegħu investa l-vettura ta' Ivan Cauchi ċertament is-sewqan tiegħu li wassal għal dik il-

ħabta li kkaġunat il-ħsara fil-vettura ta' Ivan Cauchi kien b'nuqqas ta' ħsieb jew bi traskuraġni. Għalhekk l-ewwel Qorti mhux biss setgħet iżda kellha ssib lil-imputat appellat ħati tar-reat kompriż u involut ta' ħsara involontarja.

Għaldaqstant il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermha fejn sabet lill-imputat appellat mhux ħati tal-ewwel imputazzjoni kif dedotta minflok, wara li rat l-artikolu 328(d) u 11(1) tal-Kodiċi Kriminali, ssib lill-imputat Mario Formosa ħati tar-reat kompriż u involut ta' ħsara involontarja u tikkunndannah għall-ħtija tiegħu ta' dan ir-reat għall-piena ta' multa ta' sitt mitt euro (€600); wara li rat l-artikolu 17(h) tħassarha f'dik il-parti fejn il-Qorti kkundannat lill-imputat appellat għall-piena ta' multa ta' mitejn u tletin Euro (€230) rigward it-tieni imputazzjoni; tikkonfermha fil-bqija, b'dan li l-perjodu ta' tmint ijiem ta' skwalifika tal-liċenzja tas-sewqan imsemmi fis-sentenza appellata jibdew jiddekorru minn nofsillejl u minuta ta' għadha.

(ft) Silvio Camilleri
Prim Imhallef

(ft) Silvana Grech
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur